



Il-Qorti tal-Ġustizzja tiċċelebra 20 sena mill-adeżjoni ta' 10 Stati mal-Unjoni Ewropea: Mument Kostituzzjonali Ġdid għall-Ewropa

Fl-1 ta' Mejju 2004, għaxar Stati Membri ġodda ngħaqdu mal-Unjoni Ewropea: ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovakkja u s-Slovenja. Dan kien l-ikbar tkabbir f'daqqa kemm f'termini ta' popli u ta' pajjiżi. Barra minn hekk, din l-adeżjoni inkorporat fl-isparju legali komuni tal-Unjoni varjetà kbira ta' storji, kulturi legali, u tradizzjonijiet nazzjonali. Fid-dawl tal-grad ta' integrazzjoni li l-Unjoni kienet laħqet sal-2004, minn naħa, u tad-diversità li kienu jirrappreżentaw l-għaxar Stati Membri l-ġodda, min-naħa l-oħra, l-importanza ta' dan il-mument ma tistax tiġi injorata. Jista' jintqal li, fih innifsu, it-tkabbir tal-2004 kien mument kostituzzjonali – bidla fil-paradigma – li għaqqad lill-Ewropa tal-Lvant u lil dik tal-Punent taħt proġett kostituzzjonali komuni. L-Unjoni Ewropea firxet il-valuri u l-prinċipji tagħha lil partijiet tal-Ewropa li għandhom storja partikolarment kumplessa. Filwaqt li l-għaxar Stati Membri l-ġodda ngħaqdu mal-Unjoni b'determinazzjoni partikolari u b'tama ta' libertà, ġustizzja u prosperità, din id-determinazzjoni kellha tiġi ttestjata minn sfidi kunsiderevoli.

L-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-lealtà u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri kif ukoll fuq is-supremazija tad-dritt tal-Unjoni. Hija tirrikonoxxi wkoll li d-diversità tat-tradizzjonijiet nazzjonali tikkontribwixxi għall-proġett komuni. Il-premessa 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea tesprimi x-xewqa "li jsaħħu s-solidarjetà bejn il-popli [...] filwaqt li jirrispettaw l-istorja, il-kultura u t-tradizzjonijiet tagħhom".

Din il-konferenza ser tiċċelebra l-għoxrin anniversarju tat-tkabbir tal-2004 billi tagħti ħarsa lejn il-kontribuzzjoni li dan it-tkabbir kellu fil-promozzjoni tal-proġett ta' integrazzjoni tal-Unjoni. Dan it-tkabbir influwenza konsolidazzjoni ikbar tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll regolazzjoni iktar iddettaljata ta' xi oqsma li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni? Jew inkella, bil-kontra ta' dan, għab miegħu ostakoli għall-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni? Wara għoxrin sena, liema huma l-lezzjonijiet li ttieħdu dwar it-twassiegħ u t-tfannid tal-proġett Ewropew ta' integrazzjoni? L-ikbar tkabbir f'daqqa, bis-suċċessi u l-isfidi tiegħu, wassal għal Unjoni iktar f'saħħita taċ-ċittadini Ewropej?

Għal dan il-għan, il-konferenza ser tesplora tliet suġġetti differenti.

L-ewwel sessjoni. *L-istorja tal-ikbar tkabbir f'daqqa tal-Unjoni*

Wara l-waqa' tal-ħajt ta' Berlin kien hemm irjieħ ġodda jonfħu fuq l-Ewropa. Kważi immedjatament, numru ta' Stati tal-Lvant u tan-Nofsinhar, speċjalment dawk li kienu ħelsu mill-għamad tat-totalitarjanizmu, lissnu x-xewqa tagħhom li jingħaqdu mas-suq intern komuni bbażat fuq l-erba' libertajiet ekonomiċi tal-Komunitajiet Ewropew u fuq il-kompetizzjoni leali. Bi tnejn għat-tkabbir tal-Unjoni Ewropea (dak iż-żmien il-Komunità) kienu ġew stabbiliti, mill-Kunsill Ewropew ta' Kopenħagen fl-1993, u msaħħa, mill-Kunsill Ewropew ta' Madrid fl-1995, ċerti kriterji (magħrufa bħala l-kriterji ta' Kopenħagen) li kellhom jiġu ssodisfatti mill-Istati li xtaqu jsiru membri. Dan ta' bidu għall-wieħed mill-ikbar proċessi ta' riforma – sit ta' kostruzzjoni enormi – fl-Ewropa, fejn Stati li xtaqu jsiru membri kienu impenjaw ruħhom li jilħqu “(1) istituzzjonijiet stabbli li jiggarrantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u r-rispett lejn u l-protezzjoni tal-minoranzi; (2) ekonomija tas-suq li tiffunzjona u l-kapaċità li din tlaħħaq mal-kompetizzjoni u mal-forzi tas-suq fl-UE; (3) il-kapaċità li taċċetta u timplimenta b'mod effettiv l-obbligi tas-sħubija, inklużi l-għanijiet tal-unjoni politika, ekonomika u monetarja.”

Minbarra minn xogħol leġiżlattiv u istituzzjonali kbir imwettaq mill-Istati li xtaqu jsiru membri, l-imsemmi proċess ta' riforma kien jeħtieġ ukoll trasformazzjoni fundamentali fl-imħuħ u fil-kultura tal-popli kkonċernati. Għoxrin sena wara, fil-Kawża C-896/19, *Repubblika*¹, il-Qorti tal-Ġustizzja identifikat il-prinċipju li l-Istati għandhom jevitaw kull regressjoni f'dak li jirrigwarda l-osservanza tal-valur tal-istat tad-dritt. Billi tagħti ħarsa lejn dawn l-aħħar għoxrin sena, din is-sessjoni ser tindirizza l-komplessitajiet tat-tkabbir tal-2004 u l-kontribuzzjonijiet tal-għaxar Stati Membri l-ġodda għall-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni, li jenfasizzaw l-importanza li l-protezzjoni ta' valuri komuni titqiegħed fil-qofol ta' kull pass tal-proġett Ewropew ta' integrazzjoni.

It-tieni sessjoni. *Dwar valuri Ewropej komuni*

It-tieni, il-konferenza ser tħares lejn il-kontribuzzjoni li t-tkabbir tal-2004 kellu fl-iżvilupp tal-Unjoni bħala “Unjoni tal-valuri”. Il-valuri li jinsabu fl-Artikolu “TUE huma kondiviżi u għall-qalb iċ-ċittadini Ewropej kollha peress li dawn jiffurmaw parti mill-wirt komuni tagħhom. Dawn jiddefinixxu l-“identità nnifisha tal-Unjoni inkwantu ordinament ġuridiku komuni”². Din l-identità ma nbniex bis-sempliċi inkorporazzjoni, fl-imsemmi ordinament ġuridiku, tal-elementi li tradizzjonalment

¹ Sentenza tal-20 ta' April 2021, *Repubblika*, C-896/19, EU:C:2021:311, punt 64.

² Sentenza tas-16 ta' Frar 2022, *L-Ungerija v Il-Parlament u Il-Kunsill*, C-156/21, EU:C:2022:97, p. unt 232.

jiformaw parti mill-identità nazzjonali, bħalma huma l-lingwa, l-istorja u t-tradizzjonijiet. Huwa minnu li l-Ewropej jikkellmu lingwi differenti, għandhom twemmin differenti, għandhom ideat differenti dwar xi tfisser familja iżda madankollu, aħna l-Ewropej nikkondividu sens ta' appartenenza għal komunità ta' valuri. L-Ewropej jikkondividu l-fehma li l-maġġoranza politika tal-għurata ma tistax tiddiskrimina kontra minoritajiet; li għandna jkollna gvern ta' liġijiet, u mhux ta' bnedmin; u li għandna nibbenefikaw minn sfera personali ta' awtodeterminazzjoni ħielsa minn kull interferenza pubblika. Huwa dan li jagħmel l-Unjoni dak li hija llum.

It-tieni Bord għandu għalhekk l-għan li jagħti ħarsa iktar mill-qrib lejn il-valuri li jinsabu fl-Artikolu 2 billi jeżamina l-mistoqsijiet li ġejjin: Liema hija n-natura legali ta' dawn il-valuri? Liema hija r-relazzjoni bejn dawk il-valuri u l-prinċipji strutturali tad-dritt tal-Unjoni bħal ma huma l-prinċipji ta' supremazija, ta' fiduċja reċiproka, ta' effettività u ta' kooperazzjoni leali? Liema huwa r-rwol tal-Qrati tal-Unjoni u dak tal-qrati nazzjonali fl-infurzar ta' dawn il-valuri? Il-valuri jħallu spazju għad-diversità nazzjonali? Kif jinteraġixxu bejniethom il-valuri tal-Unjoni u l-obbligu ta' osservanza tal-identità nazzjonali tal-Istati Membri?

It-tielet sessjoni. *Ir-regoli ekonomiċi tal-Unjoni*

It-tielet, kif enfasizzat fil-kriterji ta' Kopenħagen, l-integrazzjoni ekonomika kienet tirrappreżenta kemm għan kif ukoll sfida għall-Istati Membri l-ġodda. L-iżgurar ta' konverġenza bejn l-ekonomiji tal-Istati l-Membri l-ġodda u l-kumplement tal-Unjoni, u ta' osservanza tar-regoli ekonomiċi tal-Unjoni kien tabilħaqq ta' importanza primordjali għall-avanz tal-politika ta' integrazzjoni u kien jeħtieġ riformi kunsiderevoli. Il-benefiċċji ekonomiċi u finanzjarji li rriżultaw mis-sħubija kienu l-forza li tmexxi għal ħafna minn dawn ir-riformi, kemm fuq livell sostantiv kif ukoll fuq dak istituzzjonali. Min-naħa l-oħra l-fondi tal-Unjoni kellhom rwol kritiku fir-rigward ta' dawn ir-riformi u, sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jirrispettaw ir-"regoli tal-logħba" u jonoraw l-Istat tad-dritt, huma ġew suġġetti għal mekkaniżmi ta' kundizzjonalità f'oqsma differenti tal-liġi. Min-naħa l-oħra, l-Istati Membri l-ġodda kellhom japplikaw id-dritt tal-kompetizzjoni u l-leġislazzjoni settorjali (speċjalment fl-industriji li jużaw network u fis-settur bankarju), ta' spiss f'qafas deċentralizzat kompletament ġdid – bħal pereżempju dak previst bir-Regolament 1/2003 għad-dritt tal-kompetizzjoni – li kien jinvolvi d-devoluzzjoni ta' setgħat lil awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jew regolatorji ġodda.

F'dan l-isfond, l-għan tat-tielet sessjoni, li hija komposta minn tliet sottotemi prinċipali, huwa li jiġi esplorat kif, matul dawn l-aħħar għoxrin sena, taħt is-superviżjoni tal-qrati tal-Unjoni, id-dritt tal-Unjoni żgura l-koerenza u l-konverġenza tal-ekonomiji nazzjonali fl-Unjoni u, b'mod partikolari, tal-ekonomiji tal-Istati l-Membri l-ġodda, billi tingħata tweġiba għall-mistoqsijiet li ġejjin:

- F'dak li jirrigwarda l-fondi tal-Unjoni, il-kundizzjonijiet marbutin mal-għoti tal-fondi strutturali kif irnexxielhom jgħinu fl-ilħuq ta' konverġenza u ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri l-ġodda u l-Istati Membri eżistenti? L-Istati Membri l-ġodda kif applikaw l-obbligu tagħhom ta' ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni?
- Fir-rigward tar-regoli ekonomiċi tal-Unjoni, x'kien l-impatt tad-dritt tal-kompetizzjoni u tad-dritt dwar l-għajjuna mill-Istat fuq l-indirizzar tal-ekonomiji tal-Istati Membri l-ġodda lejn il-modernizzazzjoni u l-ilħuq ta' kundizzjonijiet ekwivalenti fi ħdan is-suq intern? Liema passi kellhom jittieħdu sabiex jiġu stabbiliti awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jew regolatorji indipendenti u li għandhom riżorsi? Wara għoxrin sena ta' prattika, kif qed isseħħ il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali u liema huma l-isfidi attwali? X'hini l-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-qrati tal-Unjoni fuq il-funzjonament u d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jew regolatorji?
- Fuq livell orizzontali, x'kien ir-rwol tal-qrati tal-Unjoni, permezz ta' deċiżjonijiet preliminari u ta' rikorsi diretti (f'każijiet dwar fondi, kompetizzjoni u regolamenti ekonomiċi), fl-iżgurar li l-Kummissjoni, il-qrati nazzjonali u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jaħdmu flimkien b'mod effettiv u mingħajr ma jirfsu fuq il-kompetenzi rispettivi tagħhom?